MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA**

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2012

Avviz Numru. 51/2011

**Thomas Smith Insurance Agency Limited C5637 bhala agenta ta' GasanMamo Isurance plc flimkien mal-istess GasanMamo**
**Insurance plc bhala surrogata bil-polza u bil-ligi fid-drittijiet tal-assikurat taghha Stefan Borg u l-istess Stefan Borg**

**vs**

**David Gatt**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors pprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar it-tlieta w ghoxrin (23) ta' Frar, 2011 fejn l-atturi ppremettew li nhar l-ghaxra (10) ta' Ottubru 2009, Stefan Borg kien qed isuq il-vettura tieghu Citroen bin-numru ta' registrazzjoni EBH 436 fi Triq Salvu Bonanno, San Gwann, Malta, meta l-konvenut David Gatt li kien qed isuq il-vettura tieghu Peugeot bin-numru ta' registrazzjoni HAK

381 harget minn Triq P. Brydon u baqa' diehel go dik l-istess vettura;

U premess li per konsegwenza ta' dak l-incident, l-atturi kollha sofrew danni emergenti konsistenti fi hsarat ingenti fil-vettura EBH 436; filwaqt li l-attur Stephen Borg wahdu sofra danni konsistenti minn feriti fuq persuntu li mbaghad ikkagunawlu danni emergenti u lukri cessanti kif sejjer jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

U premess illi l-incident gara unikament tort u htija tal-konvenut David Gatt minhabba imperizja, negligenza fis-sewqan tieghu, u nuqqas ta' zamma ta' '*a proper look out*' kif ukoll nuqqasijiet ohra kif sejjer jigi dettaljatament provat waqt it-trattazzjoni.

L-atturi talbu lil din il-Qorti:

1. Tiddikjara li l-konvenut kien unikament responsabbli ghall-incident stradali li sehh fl-ghaxra (10) ta' Ottubru, 2009 fi Triq Salvu Bonanno, San Gwann, Malta.
2. Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi fl-ammont ta' tmint'elef, seba' mija wiehed u hamsin Ewro u hamsa u hamsin Ewro centezmu (€8,751.55) li minnhom hames t'elef u hames mija u ghoxrin Ewro (€5,520) huma dovuti lil Thomas Smith Insurance Limited filwaqt li tlett elef, wiehed u ghoxrin Ewro u sebgha Ewro centezmi (€3,021.07) huma dovuti lil Stefan Borg in linea ta' excess imhallsa minnu u in linea ta' likwidazzjoni tad-danni emergenti u lukri cessanti sofferti minnu per konsegwenza tal-feriti li garrab u dana per konsegwenza tad-danni sofferti mill-attur fl-incident *de quo*.
3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas dik is-somma hekk likwidata flimkien mad-drittijiet u spejjez kollha ta' din il-kawza kif ukoll dawk tal-ittra interpellatorja tal-hamsa w ghoxrin (25) ta' Novembru, 2010, tal-ittra ufficcjali tal-ghaxra (10) ta' Jannar, 2011 u ta' l-ittra ufficcjali pprezentata kontestwalment kontra l-kumpanija assikuratrici tal-konvenut.

Bl-imghaxijiet fuq din is-somma b'effett minn notifika tal-ittra ufficcjali tal-ghaxra (10) ta' Jannar, 2011 sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa l-konvenut imsejjah.

Rat ir-risposta tal-konvenut David Gatt nhar it-tnejn (2) ta' Mejju, 2011 fejn espona s-segwenti:-

*1. "Illi fl-ewwel lok m'hemm l-ebda kontestazzjoni dwar ir-responsabbilta' tal-incident stradali in kwistjoni.*
*2. Illi d-danni reklamati mill-atturi huma eccessivi u ingusti u ir-rikorrenti jridu jgibu prova tad-danni verament subiti minnhom.*
*3. Salv eccezzjonijiet ohra."*

Rat illi fis-seduta tal-11 ta' Mejju 2011 il-Qorti nnominat lil PL Quentin Tanti sabiex bhala Espert Tekniku jiehu konjizzjoni tat-talbiet attrici, tal-eccezzjonijiet tal-konvenut, u jisma' l-provi limitatament ghall-quantum tal-hsarat peress li tali materja hi ta' kwistjoni teknika.

Rat in-nota ta' kjarifika tal-konvenut David Gatt li giet prezentata nhar it-18 ta' April 2012:

*"Illi permezz taghha, l-esponent jixtieq jiccara xi punti dwar il-kontestazzjoni tieghu ghat-talbiet attrici, u dan wara li gie awtorizzat minn dina l-Onorabbli Qorti, waqt l-udjenza mizmuma nhar is-7 ta' Marzu, 2012.*

*Illi fl-avviz taghhom l-atturi qeghdin jitolbu inter alia lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tillikwida d-danni sofferti mill-atturi fl-ammont ta' tmint elef, seba' mija, wiehed u hamsin Ewro u hamsa u hamsin Ewro centezmu (€8,751.55) li minnhom hamest'elef, hames mija u ghoxrin Ewro (€5,520) huma dovuti lis-socjeta' assikuratrici attrici Thomas Smith Insurance Limited filwaqt li l-ammont ta' tlett elef, wiehed u ghoxcrin Ewro u seba' Ewro centezmi (€3,021.07) huma allegatament dovuti lil Stefan Borg in linea ta' excess imhallsa minnu, u in linea ta' likwidazzjoni tad-danni emergent u lukri cessanti sofferti minnu per*

*konsegwenza tal-feriti li garrab u dana per konsegwenza tad-danni sofferti mir-rikorrenti bl-incident de quo.*

*Illi in kwantu s-somma ta' hamest'elef, hames mija u ghoxrin Ewro (€5,520) dovuti lis-socjeta' assikuratrici attrici Thomas Smith Insurance Limited din is-somma hija kkontestata fl-intier taghha u dan peress illi tali somma hija eccessiva u ngusta, u dan irrizulta waqt il-gbir tal-provi fuq dan il-punt.*

*Illi in kwantu ghas-somma ta' tlett elef, wiehed u ghoxrin Ewro u seba' Ewro centezmi (€3,021.07) allegatament dovuti lill-attur Stefan Borg in linea ta' excess imhallsa minnu, u in linea ta' likwidazzjoni tad-danni emergenti u lukri cessanti sofferti minnu per konsegwenza tal-feriti li garrab, l-esponent jirreleva umilment illi din is-somma qed tigi kontestata in parte in kwantu dan l-ammont jinkludi wkoll l-ispejjez inkorsi ghall-loss of use u ossija l-ammont ta' elf, hames mija u sittax –il Ewro tal-car hire (€1,516).*

*Illi l-bilanc rimanenti u cioe' l-ammont ta' elf, hames mija u hames Ewro u seba' centezmi (€1,505.07) rapprezentanti l-ispejjez medici inkorsi b'rizultat tal-incident stradali ta' nhar l-10 ta' Ottubru 2009 li sehh fi Triq Salvu Bonanno, San Gwann mhux qed jigi kontestat."*

Illi nhar it-23 ta' Mejju 2012 xehed il-**PL Quentin Tanti** fejn wara li kkonferma illi kien gie nominat minn din il-Qorti bhala Perit Tekniku sabiex jiehu konjizzjoni tat-talbiet attrici u ta' l-eccezjonijiet tal-konvenut, esebixxa r-relazzjoni tieghu li saret ai fini ta' dan l-istess inkarigu, liema relazzjoni giet mmarkata mill-Qorti bhala Dokument QT.

Il-Perit Tekniku PL Quentin Tanti ikkonkluda s-segwenti fir-relazzjoni tieghu:

*"Kif diga' espost fil-bidu ta' dan ir-rapport, jirrizulta illi l-kontestazzjoni bejn il-partijiet f'dan il-kaz ma huwiex fil-fatt il-quantum ta' kemm telghu id-danni u konsegwentement it-tiswijiet, jew liema spare parts kellhom jinbidlu u liema ma kellhomx, izda il-pern huwa dwar jekk il-vettura ta' l-*

*assigurat tas-socjeta' attrici kelliex tigi irrangata jew le, stante illi qeghda ssostni s-socjeta' konvenuta, il-vettura kellha tigi dikjarata beyond economical repair ghaliex l-ammont tal-hsara jeccedi, jew huwa vicin hafna tal-market value skond il-guidance book illi jimxu mieghu l-kumpaniji ta' l-assigurazzjoni.*

*Illi fl-umli opinjoni ta' l-esponent, wara li ezamina l-inkartament tal-process kollu, b'mod partikolari d-**Dok B** a fol 7 tal-process u **Dok C5** a fol 12 jikkonkorda illi l-ispare parts illi kellhom jinbidlu huma konsoni mat-tipologija ta' incident li sehh fl-10 ta' Ottubru 2009 bejn l-imsemmija Citroen Xsara Picasso u il-Peugeot Partner (Light Goods Vehicle), kif ukoll illi l-ammont ta' tali parts u labour costs ghat-tiswija huma veritieri – liema fatt mhuwiex ikkontestat mis-socjeta' konvenuta.*

*In aggiunta, l-esponent huwa ta' l-opinjoni wkoll illi la darba tali spejjez globali ghat-tiswija tas-Citroen Xsara Picasso gew ikkwantifikati fis-somma totali ta' hamest elef, hames mija u ghoxrin Ewro u tmienja u erbghin centezmu **(€5,520.48)** u tali somma hija ben taht il-Market Value minimu ta' sebghat elef Ewro **(€7,000)** kif dettaljat f'**Dok SP1** (anness max-xhieda ta' Kevin Borg Degiorgio tad-29 ta' Awwissu 2011), l-esponent ma jsib ebda raguni valida ghala tali vettura ma kellhiex tissewwa u ghalhekk huwa ta' l-opinjoni illi ma kienx ikun gustifikat illi tali vettura tigi dikjarata bhala beyond economical repair".*

**PL Quentin Tanti** xehed in eskussjoni fil-11 ta' Lulju 2012 fejn iddikjara li huwa wasal ghal konkluzjoni msemmija fir-relazzjoni tieghu abbazi tar-ritratti li huwa ra tal-vettura, abbazi tal-lista tal-ispares li nbidlu, abbazi tas-survey report tas-sur Joseph Buttigieg, tal- figura ta' kemm kienet assigurata il-vettura ma' Thomas Smith, li kienet disghat elef Ewro (€9,000) u l-figura tal-mudell ta' dik il-vettura kif imsemmi fil-guidance book li fuqu jimxu l-insurances. Ghalhekk l-Espert imbaghad ghamel ezercizzju sabiex jara jekk kienx vijabbli li tigi rrangata jew li tigi skrapjata. Il-*loss of use* tal-vettura u l-medical injuries li kien qieghed jikklamja l-assikurat huma sekondarji. Huwa kien gie mqabbad sabiex jara jekk il-vettura bil-hsarat li kellha

kinitx *economically beyond repair* jew le. Ghalhekk il-focus tieghu kien biss fuq il-vettura u fuq il-hsarat li kellha. Huwa xtaq jghid li l-ammont ta' sebat elef Ewro (€7,000), li qieghed jigi msemmi mill-avukat difensur tal-konvenut, huwa imsemmi fil-guidance book, u kif imsemmi fl-istess ktieb, dik hija biss linja gwida. Huwa stqarr illi ghalkemm fil-ktieb gwida, ikun hemm miktub il-market value partikulari, naturalment kull cirkostanza tkun titqies ghalih innifsu, ghaliex jista' jkun li karozza dejjem tinzamm f'garaxx u tintuza ftit, waqt li l-istess karozza, tkun ta' l-istess sena u jkollha mileage gholi. Dawn naturalment ma jkollhomx l-istess valur. Huwa xtaq jirrepeti li s-somma ta' sebat elef ewro (€7,000) hija biss gwida. F'dan il-kaz, kien hemm sebat elef Ewro (€7,000) gwida li kien hemm fuq il-guidance book, is-somma ta' tmint elef Ewro (€8,000) dak li fil-fehma tas-surveyer kien l-ammont reali, waqt li kien hemm is-somma ta' disghat elef Ewro (€ 9,000) dak li kien inxurjat fuq il-kotba ta' Thomas Smith.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta' attrici kif ipprezentata fl-atti nhar is-6 ta' Awwissu 2012 u dik tal-konvenut pprezentata fl-atti seduta stante nhar id-19 ta Settembru 2012.

Rat id-digriet taghha ta' l-1 ta' Ottubru 2012 fejn issollevat li r-rikors li kien ipprezenta l-attur nhar il-21 ta' Ottubru 2011 (fol. 33) kien ghadu ma giex degretat minkejja li din il-Qorti kienet ordnat notifika tieghu lill-kontroparti nhar is-27 ta' Ottubru 2011.

Rat illi fis-seduta tat-3 ta' Ottubru 2012 dehret Dr. Christine Calleja ghall-konvenut fejn iddikjarat li ma kellhiex oggezzjoni ghat-talba tal-attur sabiex jizdiedu il-kliem 'u l-istess Stefan Borg' fl-okkju tal-kawza. Rat li Dr. Bigeni ghall-attur talab lil Qorti sabiex tordna il-korrezzjoni kif mitluba u b'digriet taghha ta' l-istess jum tat-3 ta' ottubru 2012, il-Qorti ordnat il-korrezzjoni fl-okkju tal-kawza u fl-atti kollha sussegwenti.

Ikkunsidrat:

Illi ghalhekk kif jirrizulta mill-eccezzjonijiet stess, il-konvenut ma kienx qed jikkontesta it-tort tal-incident u dan ghaliex jaqbel li l-incident mertu tal-kawza sehh tort uniku tieghu. Jirrizulta li lanqas ma hu qed jikkontesta it-talba attrici dwar il-quantum rigward l-ispejjez medici li nkorra b'konsegwenza ghal dan l-incident fl-ammont ta' elf, hames mija u hames Ewro u seba' centezmi (€1,505.07*)*. Izda l-konvenut qed jikkontesta l-ammont ta' hamest elef, hames mija u ghoxrin Ewro (€5,520) dovuti lis-socjeta' assikuratrici attrici Thomas Smith ghall-hsarat sofferti minnha rapprezentanti il-valur ta' l-ispejjez li huma inkorrew rigward il-hsarat tal-vettura li kien qed isuq Stefan Borg fl-incident li sehh har l-10 ta' Ottubru 2009 gewwa San Gwann u l-ammont ta' elf, hames mija u sittax-il Ewro (€1,516) ghal *car hire*.

Peress illi parti mill-kontestazzjoni tal-konvenut kienet wahda purament teknika, u cioe' jekk l-ammont ta' flus li s-socjeta' attrici halset sabiex sewwiet il-vetura kienx gustifikabbli jew le, il-Qorti kienet innominat lill-Espert Tekniku Quentin Tanti u dan ghaliex s-sapienza taghha f'dan il-qasam tekniku hija limitata hafna. Il-konvenut fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu jghid li l-Qorti mhix marbuta zzom mal-konkluzjonijiet raggunti mill-esperti taghha. Ghalhekk dwar dan l-punt ahhari, il-Qorti taghmel referenza ghal xi kazistika fuq il-kwistjoni b'referenza ghal dak li tghid il-ligi.

Illi huwa minnu kif intqal fis-sentenza "**Spiteri Tiles Ltd vs Raymond Borg"** **(**P.A. RCP 28 ta' Frar 2002**)** li**:**

**"...***il-Qorti ma hiex tenuta li taccetta l-konkluzjonijiet peritali kontra l-konvinzjoni taghha nnifisha, kif fil-fatt huwa dettat mill-***artikolu 681 tal-Kap 12***, jibqa' jippersisti l-fatt li tali konkluzjoni peritali, specjalment fuq natura purament teknika, dan il-Qorti ma tistax tghmlu b'mod legger jew kappriccuz. Il-konvinzjoni kontrarja taghha kellha tkun ben informata u bazata fuq ragunijiet li gravament ipoggu fid-dubbju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b'ragunijiet li ma ghandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjonijiet ta' aspet tekniku tal-materja taht ezami."('***Philip Grima vs Carmleo Mamo'–** A.C 29 ta'

Mejju 1998; '**<u>Anthony Cauchi vs Carmel Mercieca'</u>** – A.C. 6 ta' Ottubru 1999; '**<u>John Saliba vs Joseph Farugia'</u> -** A.C. 28 ta' Jannar 2000; '**<u>Sammy Tabone vs Carmel Tabone et'</u>** – A.C. 5 ta' Ottubru 2001).

Illi dawn is-sentenzi huma bbazati wkoll fuq dak li intqal fid-decizjoni fil-kawza fl-ismijiet "**<u>Giswarda Bugeja et vs Emmanuele Muscat et</u>"** *(A.C. 23 ta' Gunju 1967 – Vol. L i 390*) fejn intqal li:

"*ghalkemm ir-rapport tekniku huwa kontrollabbli mill-gudikant bhal kull prova ohra, b'danakollu, l-giudizio dell'arte espress mill-perit tekniku ma jistghax u m'ghandux aktar u aktar fejn il-parti interessata ma tkunx ipprevaliet ruha mill-fakolta lilha moghtija b'talba ghan-nomina ta' periti addizzjonali jigi skartat facilment ammenoche ma jkunx jidher sodisfacentement illi l-konkuzjonijiet peritali huma, fil-kumpless kollha tac-cirkostanzi irragonevoli.*"

Il-Qorti thoss li l-konvenut ma ressaq l-ebda prova lill-Qorti sabiex jghina tiddipartixxi mill-konkluzjoni raggunta mill-Espert. Ma hemm l-ebda raguni li gravement ipoggu fid-dubju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa. Apparti l-eskuzzjoni tal-Perit Tekniku, il-konvenut ma ipprevaliex ruhu mill-fakolta` lilu moghti ghan-nomina ta' periti addizzjonali. Strah biss fuq dak li kkonkluda l-istess perit salv li ghamel xi domandi fejn talbu jiccara certu punti sollevati minnu fir-relazzjoni. Din il-Qorti ma thossx li tista' facilment tispruna d-decizjoni ta' l-espert nominat minnha minghajr l-assistenza ta' espert in materja peress li l-kapacitajiet taghha fil-materja ta' tiswija fil-karozzi huma limitati.

Inoltre l-Qorti ezaminat akkuratament ir-rapport tal-Espert Tekniku minnha mahtur, u rat illi il-Perit Tekniku sodisfacentement u adegwatament investa il-meritu u l-konkluzjonijiet illi wasal ghalihom issodisfaw il-kwezit ta' natura teknika.

Illi peress li l-Perit Tekniku kkonkluda li l-valur tal-vettura tal-ghamla Citroen bin-numru ta' registrazzjoni EBH 436

kien ta' sebghat elef Ewro (€7,000) huwa gustifikat li s-socjeta' attrici tirranga din il-vettura stante li halset ammont inferjuri fl-ammont ta' hamest elef, hames mija u ghoxrin Ewro (€5,520). Konsegwentement ikkonkluda li l-eccezzjoni tal-konvenut f'dan ir-rigward ma kellhiex tintlaqa' u ghall-istess ragunijiet sollevati minnu aktar 'l fuq il-Qorti qed tabbraccja din il-fehma teknika tieghu.

Dwar it-tieni kontestazzjoni ghalkemm is-socjeta' attrici tghidilha *loss of use* fil-fatt qed taghmel referenza ghas-spejjez li kien inkorra l-attur Stefan Borg meta kera karozza minghand is-socjeta' Top Car Limited fiz-zmien li l-vettura tieghu kienet qed tissewwa. Fil-fatt **Antvin Monsigneur**, Manager mas-socjeta' attrici xehed nhar id-29 ta' Awwissu 2011 (fol. 80) quddiem l-espert nominat mill-Qorti u esebixxa l-ircevuta li kien tah Stefan Borg, liema ricevuta tinsab esebita fl-atti a fol. 11 markata bhala Dok C4. Fil-fatt minn ezami tal-e-mail mibghuta minn dan Monsigneur lil John Lentini, Senior Claims Handler mas-socjeta' assikuratirci tal-konvenut Allcare Insurance, jidher li kien hemm qbil li l-konvenut kellu jhallas lis-socjeta' attrici ghall-ispejjez tal-hsara tal-vettura ta' Sefan Borg u tal-kiri ta' karozza. Dwar l-ispejjez mediciniali li illum mhux qed ikunu kontestati jidher li kienu waslu fi ftehim sa meta kellu isir il-hlas. John Lentini pero' ma jaqbilx ma' dak li qal Monsigneur u jghid li l-ftehim kien li Monsigneur kellu jibghatlu id-dokumentazzjoni kollha dwar it-talba ta' Borg sabiex huwa jghaddiha lid-Direttur tieghu.

Illi mill-atti processwali jidher li l-attur Stefan Borg kien hallas is-somma ta' elf, hames mija u sittax-il Ewro u hamsa u tmenin centezmu (€1,516.85) ghal kiri ta' vettura tal-ghamla Peugeot 307 numru ta' registrazzjoni FBK 356 nhar l-10 ta' Ottubru 2009 u zammha ghandu ghal disgha u sittin jum b'rata ta' tmintax-il-Ewro u tlieta u sittin centezmu (€18.63) kuljum. Ma jidhirx li din l-ircevuta giet f'xi hin kontestata la dwar jekk effettivament saritx il-kirja u lanqas dwar jekk l-ammont kienx gholi wisq. Il-konvenut ma ressaq l-ebda prova sabiex inaqqas mill-valur probatorju ta' tali dokument.

Illi t-talba tal-atturi hija wahda fejn qed jitolbu li jigu risarciti ghad-danni li sofrew minhabba l-incident awtomobilistiku li sehh nhar l-10 ta' Ottubru 2009 gewwa San Gwann minhabba tort uniku tal-konvenut. Jidher minn dak suespost li it-talba tas-socjeta' attrici li tithallas is-somma ta' hamest elef, hames mija u ghoxrin Ewro u tmienja u erbghin centezmu (€5,520.48) hija gustifikata ghar-ragunijiet moghtija mill-Espert Tekniku, l-ammont ta' elf, hames mija u sittax-il Ewro u hamsa u tmenin Ewro centezmu (€1,516.85) ghandu jithallas lill-attur Stefan Borg rapprezentanti l-ammont ta' flus li huwa hallas ghal kiri tal-karozza sakemm il-vettura tieghu Citroen Picasso issewwiet u s-somma ta' elf, hames mija u hames Ewro u seba' centezmi (€1,505.07) ghandha tithallas lill-attur ukoll bhala l-ispejjez li huwa inkorra rigward medicinali u kura medika. L-ammont ghalhekk in toto jammonta ghal tmint elef, hames mija u tnejn u erbghin Ewro u erbghin centezmu (€8,542.40).

**Ghaldaqstant, din il-Qorti qeghda tiddikjara li l-incident mertu tal-kawza odjerna sehh tort uniku tal-konvenut peress li naqas li jzomm *proper look out* kif ammess minnu stess u konsegwentement tiddikjara li l-istess konvenut huwa responsabbli ghad-danni sofferti mill-attur u mis-socjeta' attrici, u tillikwida bhala danni is-somma ta' hamest elef, hames mija u ghoxrin Ewro u tmienja u erbghin Ewro centezmu (€5,520.48) bhala dik is-somma li l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta' attrici u s-somma ta' tlett elef u wiehed u ghoxrin Ewro u sebgha Ewro centezmi (€3021.07) bhala dik is-somma li l-konvenut ghandu jhallas lill-attur Stefan Borg stante li l-istess attur ghogbu jhalli barra is-somma ta' hamsa u tmenin Ewro centezmu (€0.85) fit-talba promotrici tieghu.**

**L-ispejjez ta' din il-kawza kif mitluba fir-rikors promotur ghandhom jithalsu mill-konvenut u l-imghax ghandu jibda' jiddekorri minn notifika tal-ittra ufficcjali tal-10 ta' Jannar 2011 sad-data tal-effettiv pagament.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------